



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2010/2308(INI)**

10.1.2012

# **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea  
(2010/2308 (INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Rita Borsellino

PR\_INI

**WERREJ**

**Pàġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea

((2010)(2010/2308(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra, b'mod partikolari, l-Artikoli 6, 7, 8, 11, 21, 47-50 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,
- wara li kkunsidra, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Kapitoli 1, 2, 4 u 5 tat-Titlu V (Iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2010 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI),
- wara li kkunsidra 'Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sikura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini' u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa – Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma' (COM(2010)0171),
- wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea ('Lejn Mudell Ewropew ta' Sigurtà') kif ġie adottat mill-Kunsill fil-25 u s-26 ta' Frar 2010,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u l-Kunsill bl-isem 'L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura' (COM(2010)0673),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni al-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem 'L-ewwel Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE' (COM(2011)0790),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 u l-25 ta' Frar 2011 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea fl-azzjoni,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 u d-9 ta' Novembru 2010 dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja',
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bejn l-2011 u l-2013,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) tas-17 ta' Diċembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni 'Strateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura',

- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2003 <sup>1</sup> u r-rapport tal-2008 dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha <sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' Libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – Il-Programm ta' Stokkolma <sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea <sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar il-linja politika tal-UE Kontra t-terroriżmu<sup>5</sup>: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti kostituzzjonali Ewropea u nazzjonali rilevanti li tittratta l-kriterja ta' proporzjonalità u l-ħtieġa biex din tiġi rrispettata mill-awtoritajiet pubbliċi f'soċjetà demokratika,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7/0000/2012),
- A. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona kkonsolida aktar is-sigurtà bħala kundizzjoni neċessarja kemm biex jiġi assigurat l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif ukoll għal Spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, inkluż fil-kuntest ta' azzjoni esterna, fejn dawn it-tliet kunċetti huma marbuta flimkien mill-qrib;
- B. billi t-Trattat ta' Lisbona ffissa, għalhekk, b'mod b'saħħtu l-politika ta' sigurtà tal-UE ma' stat tad-dritt tal-UE speċifiku, u stabbilixxa l-pedamenti għall-iżvilupp ta' aġenda ta' sigurtà komuni u mill-qrib fl-UE u l-Istati Membri u soġġetta għal sorveljanza demokratika fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali;
- Ċ. billi l-Programm ta' Stokkolma enfasizza li strateġija ta' sigurtà interna tal-UE għandha tiġi żviluppata sabiex tittejjeb aktar is-sigurtà fl-Unjoni, u għalhekk jiġu mħarsa l-ħajja u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u b'mod effettiv jiġu miġġielda l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u theddid ieħor;
- D. billi la l-Istati Membri u lanqas il-Kummissjoni għadhom ma pprevedew ebda rwol għall-Parlament f'dan il-proċess, minkejja d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;
- E. billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna (ISS) għall-perjodu tal-2010-2014 identifika ħames żoni ta' prijorità li fihom l-UE tista' ttiprovdi

<sup>1</sup> 'Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar – Strateġija Ewropea ta' Sigurtà', approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell fit-12 ta' Diċembru 2003 u mfassal taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli tal-UE Javier Solana.

<sup>2</sup> 'Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà – Nipprovdha s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel', S407/08.

<sup>3</sup> ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 12.

<sup>4</sup> Testi adottati, (P7\_TA(2011)0459).

<sup>5</sup> Testi adottati, (P7\_TA(2011)0577).

valur miżjud, jiġifieri l-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, u ċ-ċiberkriminalità, tissaħħaħ il-ġestjoni ta' fruntieri esterni u tinbena r-reżistenza għal diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem.

- F. billi l-ewwel rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għaraf li l-ħames objettivi identifikati fl-2010 jibqgħu validi, spjega s-sitwazzjoni attwali, il-progress li sar s'issa u t-triq 'il quddiem;
- Ġ. billi l-Programm ta' Stokkolma ddikjara li 'l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandha ssir waħda mill-kompiti prijoritarji tal-Kumitat Permanenti għas-Sigurtà Interna [COSI]';
1. Jilqa' x-xogħol li nbeda sabiex tiġi stabbilita Strateġija ta' Sigurtà Interna u l-prinċipji ewlenin li jsostnu l-Mudell Ewropew ta' Sigurtà kif żviluppat fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, speċjalment fir-rigward tar-relazzjoni msaħħa bejn is-sigurtà, il-libertà u l-privatezza u l-kooperazzjoni u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri;
  2. Jenfasizza li l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja huma objettivi indiviżibbli u ż-żoni ta' azzjoni, ladarba il-'libertà titlef ħafna mit-tifsira tagħha jekk ma tkunx tista' titgawda f'ambjent sigur u bl-appoġġ komplet ta' sistema ta' ġustizzja li ċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-Unjoni jista' jkollhom il-kunfidenza fiha';
  3. Jemmen li l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għandha tkun il-punt ewlieni ta' kwalunkwe Strateġija ta' Sigurtà Interna sħiħa; Ifakkar li, sabiex jinkisbu l-libertà u l-ġustizzja, is-sigurtà għandha titfittex dejjem bi qbil mal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
  4. Jinnota l-progress li sar mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-kuntest taċ-ċiklu ta' politika tal-UE bil-ħsieb għall-implimentazzjoni tal-objettivi strateġiċi ġenerali permezz ta' azzjonijiet ibbażati fuq kooperazzjoni intergovernattiva fil-livell operattiv; jemmen, madankollu, li hija neċessarja diviżjoni ċara tal-kompiti ta' bejn il-livelli tal-UE u dawk nazzjonali, li l-Parlament jeħtieġ li jkun parti mill-proċess u li fl-2013 għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċiklu ta' politika;
  5. Ifakkar li l-kompetenza għal politiki ta' sigurtà hija komuni bejn l-UE u l-Istati Membri, u din hija żona li fiha s-sussidjarjetà teħtieġ li tiġi rrispettata, u jaħseb li l-qafas tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna jista' jżid il-valur lill-isforzi tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u tal-Istati Membri f'dan il-qasam permezz ta' approċċ komprensiv u koerenti.
  6. Jaħseb li l-analiżi komprensiva tal-UE, li tkun ibbażata fuq l-evidenza u fuq l-għarfien, dwar it-theddid li għandu jiġi indirizzat hija prerekwiżit essenzjali għal Strateġija ta' Sigurtà Interna effettiva, u huwa kkonċernat li analiżi bħal din fl-UE kollha fil-preżent għadha nieqsa; jenfasizza l-ħtieġa li jsiru sforzi addizzjonali biex tittejjeb il-koerenza tal-informazzjoni u d-data li l-valutazzjonijiet tat-theddid mill-korpi tal-UE huma msejsa fuqha, inklużi sforzi addizzjonali biex tiġi assicurata t-trasparenza fir-rigward tal-metodoloġija użata<sup>6</sup>;

---

<sup>6</sup> Ara, f'dan ir-rigward, l-istudju ta' A Scherrer, J Jeandesboz u E-P Guittet bl-isem 'L-Iżvilupp ta' Strateġija ta'

7. Ifakkar li l-Parlament issa huwa attur istituzzjonali sħiħ fil-qasam tal-politika ta' sigurtà, u huwa għalhekk intitolat li jipparteċipa b' mod attiv fid-determinazzjoni tal-aspetti u l-prijoritajiet tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u tal-Mudell Ewropew tas-Sigurtà u fl-evalwazzjoni ta' dawn l-istrumenti, anke permezz ta' eżerċizzji regolari ta' monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, imwettqa b' mod konġunt mill-PE, il-parlamenti nazzjonali u l-Kunsill skont l-Artikoli 70 u 71 tat-TFUE u l-Artikolu 6(2) tad-Deċizzjoni li tistabbilixxi l-COSI;
8. Japprova, f' dan ir-rigward u fuq il-bażi tal-kooperazzjoni eżistenti bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, l-idea ta' 'ċiklu ta' politika parlamentari' – li għandu jkun sinkronizzat bir-reqqa, inter alia, mar-rapportar annwali tal-Kummissjoni f' dan il-qasam – u jispiċċa b' rapport parlamentari annwali dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna;
9. Jemmen li l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandha tiffoka aktar mill-qrib fuq ir-rabta indiviżibbli ta' bejn id-dimensjonijiet tas-sigurtà interna u esterna, u li, kemm f' waħda kif ukoll fl-oħra, l-istituzzjonijiet tal-UE l-aġenziji li huma attivi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom b' konformita sħiħa mal-liġi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jivvalutaw ukoll l-impatt tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Esterna tal-UE, inkluż fir-rigward tal-obbligi ta' drittijiet fundamentali;
10. Jinnota d-definizzjoni tal-ħames żoni ewlenin li għalihom ġew proposti azzjonijiet konkreti differenti fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri; hu tal-fehma li dawn l-oġettivi mhumiex eżawrjenti, u li t-taqsim ta' dawn il-prijoritajiet seta' kien strutturat aħjar; josserva li, filwaqt li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata hija, u għandha tibqa', prijorità ewlenija, hija ma tidhirx li hi ġġustifikata b' mod sħiħ jew li hi xierqa biex tittieħed azzjoni fl-oqsma bħalma huma diżastri magħmula mill-bniedem u l-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali fi ħdan il-qafas tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna;
11. Jemmen li l-kriminalità organizzata fil-forom kollha tagħha tikkonstitwixxi theddida kbira għal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja għaċ-ċittadini tal-UE, u jstieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill biex jagħtuha prijorità akbar fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-risoluzzjoni tagħha tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-kriminalità organizzata fl-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi ta' data u informazzjoni speċifika dwar il-kooperazzjoni eżistenti bejn l-UE u l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-mafja, il-ħasil tal-flus u forom oħra ta' kriminalità organizzata;
12. Jemmen li għandha tingħata prijorità akbar lill-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, ekonomika, u korporattiva, li l-impatt tagħhom huwa partikolarment detrimental għall-kondizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE, speċjalment fi żmien ta' kriżi;
13. Itenni li t-tkabbir tal-kooperazzjoni tal-puluzija u tal-persunal ġudizzjarju huwa kritiku għal Strateġija ta' Sigurtà Interna xierqa, u li dan għandu jinvolvi l-awtoritajiet kompetenti

---

Sigurà Interna tal-UE, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata', id-Direttorat Ġenerali tal-Parlament Ewropew għal Politiki Interni, Dipartiment tal-Politika Ċ (Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali), 2011.

fl-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex din issir prijorità għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna;

14. Jinstab iddiżappuntat, f'dan ir-rigward, li l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għad m'għandhiex 'dimensjoni ta' ġustizzja' xierqa, u jemma li l-istabbiliment ta' sett ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja għandu jitqies fil-kuntest tar-rabta mill-qrib bejn id-dimensjonijiet kollha tal-Ispazju li jinstab fit-Titlu V tat-TFUE, jiġifieri l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;
15. Jenfasizza li l-għlieda kontra t-terroriżmu hija prijorità għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, li l-oġettivi u l-għodda tagħha għandhom jiġu evalwati b'mod xieraq kif indikat fir-risoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Diċembru dwar 'il-linja politika tal-UE Kontra t-terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi futuri'; jispjega li l-politiki ta' prevenzjoni u protezzjoni għandhom jingħataw prijorità akbar, flimkien mal-prosekuzzjoni u r-reazzjoni; jinnota li, f'dan il-kuntest, hija meħtieġa wkoll attenzjoni akbar fuq l-infurzar tal-liġi fil-mira u l-attivitajiet immexxija mill-intelliġenza;
16. Jirrigwarda l-prevenzjoni ta' radikalizzazzjoni vjolenti bħala qasam ta' azzjoni importanti għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, iżda jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jerġgħu jivvalutaw in-natura u l-livell ta' din it-theddida, inkluż fuq il-bażi ta' avvenimenti reċenti li juru ż-żieda ta' radikaliżmu politiku vjolenti li jimmira speċifikament lejn il-valuri tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni li fuqhom hija bbażata l-UE;
17. Jilqa' l-enfasi fuq is-sigurtà tal-fruntieri fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, iżda jemma li l-ġestjoni u l-mobilità tal-bniedem mhumiex kwistjonijiet ta' sigurtà, iżda aspetti ewlenin ta' strateġija politika aktar wiesgħa li tinvolvi mhux biss id-dimensjoni ta' sigurtà, iżda wkoll – u aktar importanti – politiki tal-immigrazzjoni, l-asil, l-iżvilupp u l-impjiegi fil-livell tal-UE;
18. Jaħseb, għalhekk, li l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandha tirrifletti aktar l-viżjoni tal-Programm ta' Stokkolma, u iqisha bħala ħaġa espedjenti li tinbeda reviżjoni parlamentari ta' 'nofs it-terminu' tal-Programm ta' Stokkolma qabel it-tmiem tal-2013 sabiex jiġu valutati l-prijoritajiet strateġiċi, leġiżlattivi u finanzjarji tiegħu; jaħseb ukoll li hija meħtieġa valutazzjoni kumplimentari fir-rigward tal-aġenziji Ewropej relevanti li qed jiġu attwalment "Lisbonizzati" (il-Europol, il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew), flimkien ma' aġenziji u korpi oħrajn;
19. Ifakkar li l-ipproċessar u l-ġabra tad-data fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandhom ikunu konformi mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data tal-UE, b'mod partikolari dawk ta' neċessità, proporzjonalità u legalità, u mal-leġiżlazzjoni relevanti f'dan il-qasam;
20. Jafferma, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal sorveljanza demokratika xierqa tal-aġenziji tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-linja diviżorja 'ta' bejn il-konsulenza politika u t-tfassil tal-politika attwali' ma tibqax ċara<sup>7</sup> fir-rigward tal-

<sup>7</sup> Ara l-istudju ta' M. Busuioc u D. Curtin bl-isem 'L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE, iċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE u r-Rwol tal-Aġenziji tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja: Wegħdiet, perikli u prerekwiżiti', id-Direttorat Ġenerali tal-Parlament Ewropew għall-Politiki Interni, Dipartiment tal-Politika Ċ (Id-Drittijiet taċ-

aġenziji tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

21. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.